MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 422/2007

**Maltacom plc**
**(C 22334)**

**vs**

**Muscat General Stores Ltd u**
**Muscat General**
**Sales Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` Mejju, 2007, fejn intalab li s-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsuhom s-somma ta` elf, tliet mija u disgha u sittin lira, u disghin centezmu (Lm1,369.90) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 21234442 (AC 10050372 – file at/5233/89) kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` l-avviz Dok. IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjetajiet konvenuti ghalkemm legalment notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex dirigenti tas-socjetajiet konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment id-dirigenti ta` l-istess socjetajiet konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-22 ta` Gunju, 2007 meta gie pprezentat il-kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u l-anqas ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tas-socjetajiet konvenuti fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf, tliet mija u disgha u sittin lira u disghin centezmu (Lm1,369.90) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess socjetajiet konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------